# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sebgħa (7) ta' Marzu 2024**

**Rikors Numru 128/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjeta` u l-Ġustizzja Soċjali u l-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal**

**Vs**

**Lawrence Avellino (KI 38058M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' Frar 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

> *Illi fis-26 ta` Frar 2019 ir-rikorrent ħareġ pagament b`ċekk favur il-konvenut fl-ammont ta` tlieta u tletin elf, sebgħa mija u erbgħa Euro u sbatax-il ċenteżmu (EUR 33,704.17) liema somma tirrapreżenta gratifikazzjoni ta` darba ai termini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kap 93 tal-Liġijiet ta` Malta. Dan il-ħlas sar kif jirriżulta mill-payment voucher anness u mmarkat bħala Dok A.*
>
> *Illi minn verifiki li saru sussegwentement mid-Dipartiment, irriżulta li dan il-pagament ħareġ bi żball għaliex il-konvenut m`huwiex eliġibbli biex jingħata lilu pensjoni jew gratifikazzjoni tas-servizz ai termini tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta` Malta u dan għaliex hu ma jikkwalifikax li daħal mas-servizz pubbliku f`kariga pensjonabbli. Sabiex uffiċjal ikun eliġibbli għal-pensjoni*

*jew gratifikazzjoni tas-servizz irid ikun daħal f`kariga pensjonabbli mas-servizz pubbliku qabel il-15 ta` Jannar 1979 u dan kif jipprovdi l-artikolu 21 tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta` Malta.*

*Illi fil-fatt il-konvenut daħal uffiċjalment mas-servizz pubbliku ta` Malta fl-1 ta` Ġunju 1979 bħala Building Tradesman 1 (Stone Dresser) u ċioe` wara l-15 ta` Jannar 1979 li tirrikjedi l-liġi u għalhekk ma jikkwalifikax għal gratifikazzjoni ta` darba li ngħata fl-ammont ta` tlieta u tletin elf, sebgħa mija u erbgħa Euro u sbatax-il ċenteżmu (EUR 33,704.17). Iż-żmien li għamel bħala apprentist mil-15 ta` Diċembru 1975 ma jgħoddx għax mhuwiex ikkunsidrat bħala servizz f`kariga pensjonabbli.*

*Illi tajjeb li wieħed jenfasizza ukoll li l-konvenut m`għandu l-ebda jedd assolut li jirċievi pensjoni jew gratifikazzjoni u dan kif jistabilixxi l-artikolu 5 (1) li jgħid li "Ebda uffiċjal m'għandu jedd assolut ta' kumpens għal servizzi li jkun għamel, jew ta' pensjoni, gratifikazzjoni jew allowance taħt din l-Ordinanza jew taħt ir-regolamenti magħmulin taħtha; u lanqas ebda ħaġa stabbilita f'din l-Ordinanza jew f'dawn ir-regolamenti ma tillimita l-jedd tal-Gvern ta' Malta li jibgħat mis-servizz uffiċjal mingħajr ebda kumpens."*

*Illi l-intimat ġie interpellat diversi drabi b`emails u b`laqgħat inkluż b`Ittra Uffiċjali numru 5053/2020 datata 20 ta` Diċembru 2019, hawn annessa u mmarkata bħala Dok B, biex jersaq għal-ħlas tal-ammont ta` tlieta u tletin elf, sebgħa mija u erbgħa Euro u sbatax-il ċenteżmu (EUR 33,704.17) u ingħata wkoll il-possibilita` li jħallas lura dan l-ammont b`rati mensili iżda l-istess intimat baqa` inadempjenti.*

*Illi għalhekk kellha issir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*Tiddikjara li l-intimat Lawrence Avellino mhux eliġibbli biex jingħata pensjoni jew gratifikazzjoni ai termini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet Kap 93 tal-Liġijiet ta` Malta;*

*Tiddikjara li l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti bħala rifużjoni tal-gratifikazzjoni ta` darba hija fis-somma ta` tlieta u tletin elf, sebgħa mija u erbgħa Euro u sbatax-il ċenteżmu (EUR 33,704.17) jew ammont ieħor verjuri;*

*Tordna u tikkundanna lill-intimat Lawrence Avellino iħallas lir-rikorrenti is-somma ta` tlieta u tletin elf, sebgħa mija u erbgħa Euro u sbatax-il ċenteżmu (EUR 33,704.17) jew ammont ieħor verjuri.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 5053/2019 datata 20 ta` Diċembru 2019 u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta` dan ir-rikors ġuramentat kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fis-26 ta’ Marzu 2021, l-intimat laqa’ għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

    1. *ILLI preliminarjament mhuwiex minnu illi r-rikorrent ħareġ pagament fid-data ta' 26 ta' Frar 2019 u għalhekk fl-imsemmija data l-ebda ċekk ħareġ favur il-konvenut u għalhekk fuq din il-kwistjoni biss it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.*

    2. *ILLI preliminarjament ukoll l-atturi għandhom iġibu prova dokumentata u ġuramentata id-data tal-appointment ta' l-eċċipjent li għandu jiġi eżebit in atti.*

    3. *ILLI fil-ftehim milħuq bejn l-eċċipjrnt u l-Gvern ma jirriżulta minn imkien li l-eċċipjent m'huwiex meqjus bħala ħaddiema tal-gvern, speċjalment meta dejjem ħadem l-istess ħinijijet daqs kulhadd u kien ukoll iħallas l-kontribuzzjonijijet tan-National Insurance u Income Tax Dovuti.*

    4. *ILLI għalhekk il-Gvern ma jistax jaqbad u jagħżel fejn irid jikkonsidera persuna bħala apprentista u fejn irid bħala ħaddiem regolari, inkluż fl-obbligi medeżimi.*

    5. *ILLI mingħajr preġudizzju għal dak suespost semmai l-liġi applikabbli hija dik stabbilita fl-Artikolu 6 tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li “Ebda pensjoni gratifikazzjoni jew allowance oħra ma tingħata lil ebda uffiċjal dwar servizz - (a)filwaqt li qiegħed taħt prova jew b'kuntratt ħlief meta mingħajr ma jaqta’ qatt mis-servizz huwa jigi mwettaq f’kariga pensjonabbli f’Malta jew f’kariga pensjonabbli f’Malta jew f’kariga f’servizz ieħor pubbliku illi fiż-żmien tat-twettiq ikun pensjonabbli taħt ir-regolamenti tal-pensjoni li jgħoddu għal dak is-servizz.”*

    6. *ILLI inoltre ebda pensjoni, gratifikazzjoni jew allowance mogħtija taħt Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta ma tista’ tkun suġġetta għal atti ġudizzjarji minħabba jew dwar dejn jew jedd ieħor ħlief sa fejn jgħoddu d-disposizzjonijiejt tal-Artikolu 381 (3) tal Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.*

    7. *ILLI madankollu t-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

    8. *ILLI għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż fil-konfront tagħhom.*

    9. *Salv eċċezzjoni ulterjuri jekk ikun il-każ.*

**Provi**

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur, ossija:

  a. Payment Voucher Nru 6902000065 maħruġ mill-Gvern ta' Malta a favur ta' Lawrence Avellino fl-ammont ta' €33,704.17, datat 26 ta' Frar 2019. (fol 6)

  b. Parir maħruġ mill-People and Standards Division datat 17 ta' April 2016 fejn ġie indikat illi l-intimat ma setax jitqies bħala "pensionable officer". (fol 11)

  c. Ittra Uffiċjali Nru 5052/19 datata 20 ta' Diċembru 2020.

  d. Korrispondenza bl-email mibdija mill-intimat fit-2 ta' Mejju 2019 (fol 13) u r-risposti li ntbgħatu.

4. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-intimat, ossija:

  a. Remittance Advice ta' Cekk Nru 6902000065 maħruġ lill-intimat Lawrence Avellino fit-28 ta' Frar 2019. (fol 20)

5. Semgħet ix-xhieda ta' Angelo Said, Assistant Director fl-Operations Division id-Dipartiment ta' Central Salaries and Service Pensions, mogħtija fit-8 ta' Ġunju 2021 (fol 24) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata, ossija:

  a. Service Record ta' l-intimat Lawrence Avellino mill-15 ta' Diċembru 1975, ossija meta beda jaħdem mal-Gvern, sa l-1 ta' Jannar 2019, ossija meta rtira. (fol 30)

6. Semgħet ix-xhieda ta' Simone Cini, Senior Principal fl-Operations Division id-Dipartiment ta' Central Salaries and Service Pensions, mogħtija fit-8 ta' Ġunju 2021 (fol 32) u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata.

7. Semgħet ix-xhieda ta' Silvana Portelli, Direttur fid-Dipartiment ta' People Resourcing and Compliance fi ħdan il-People and Standard Division ġewwa l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (fol 51) u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata, ossija:

  a. Grades History Track Record ta' l-intimat Lawrence Avellino minn meta daħal mal-Gvern sa meta rtira. (fol 57)

  b. Termination Records Card maħruġa minn Transport Malta fil-5 ta' Frar 2019. (fol 58)

  c. Ittra mibgħuta lill-intimat Lawrence Avellino fit-30 ta' Awissu 1979 u maħruġa mill-Ministru tax-Xogħolijiet u l-Isport ta' dak iż-żmien. (fol 59)

  d. Service and Leave Record datata 28 ta' Diċembru 1979. (fol 60)

8. Rat id-dokument ippreżentat mir-rikorrenti permezz ta' nota fis-6 ta' Lulju 2022 fejn eżebixxa dokument li juri kif ġiet maħduma s-somma ta' €33,704.17 li ġiet mgħoddija erronjament lill-intimat Lawrence Avellino. (fol 64)

9. Semgħet ix-xhieda ta' Ryan Mallia, rappreżentant ta' Transport Malta, u mogħtija fil-15 ta' Novembru 2022 (fol 69) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebiti, fosthom:

a. L-applikazzjoni għall-pensjoni illi kien għamel l-intimat Lawrence Avellino fil-31 ta' Awissu 2008. (fol 74)

b. Dokumentazzjoni varja ta' Trasport Malta in konnessjoni mal-impjieg tiegħu ma' tali Awtorita'.

10. Rat illi fit-3 ta' Mejju 2023, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

11. Rat illi, fis-27 ta' Settembru 2023, il-kawża kienet skedata għall-provi intimati, u la l-intimat ma deher u wisq anqas il-konsulent legali tiegħu u, in vista tal-fatt illi l-intimat QATT ma deher quddiem il-Qorti, il-Qorti ddikjarat il-provi tiegħu bħala magħluqa.

12. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub magħmula mir-rikorrenti u ppreżentati fit-22 ta' Novembru 2023.

13. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub magħmula mill-intimat u ppreżentati fl-24 ta' Jannar 2024.

14. Rat illi fl-24 ta' Jannar 2024, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

15. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi, illi l-intimat Lawrence Avellino daħal jaħdem mal-Gvern ta' Malta fil-15 ta' Diċembru 1975, meta ddaħħal bħala 'Apprentist Building Trade'. (vide fol 30)

16. Jirriżulta illi, permezz ta' Ittra datata 30 ta' Awissu 1979, l-intimat Lawrence Avellino ġie mgħarraf li, b'effett mill-1 ta' Ġunju 1979, "*fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-Servizz għall-Poplu*", huwa ġie mlaħħaq bħala 'Building Tradesman I (Stone Dresser)'. (vide fol 59)

17. Jirriżulta illi, a tenur tal-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, l-Artikolu 21 ta' l-istess Ordinanza jipprovdi illi

> *Id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza għandhom japplikaw għall-uffiċjali kollha maħturin għas-servizz pubbliku ta' Malta wara l-bidu fis-seħħ ta' din l-Ordinanza* ***<u>iżda qabel il-15 ta'Jannar, 1979</u>****, u ebda pensjoni, gratifikazzjoni jew allowance ma għandha titħallas skont din l-Ordinanza, u ebda ħlas ieħor ma għandu jsir skont l-istess Ordinanza, lil xi persuna li ma kenitx uffiċjal qabel l-imsemmija data, jew lill-armla, iben jew qraba oħra ta' xi persuna bħal dik:*

18. Jirriżulta illi l-Artikolu 2 ta' l-istess Ordinanza jiddefinixxi Uffiċjali kif ġej:

> *"uffiċjal" ifisser persuna effettivament maħtura għal kariga li għaliha tista' taħt din l-Ordinanza tingħata pensjoni jew allowance meta tispiċċa mis-servizz.*

19. Jirriżulta illi l-ewwel ħatra uffiċjali illi kellu l-intimat mal-Gvern ta' Malta kienet dik tat-30 ta' Awissu 1979 b'effett mill-1 ta' Gunju 1979, fejn ġie maħtur bħala Building Tradesman I (Stone Dressing).

20. Jirriżulta illi qabel dakinhar, huwa kien bl-apprentistat mal-Gvern u, għalkemm kien jitħallas, ma setax jiġi kkunsdrat bħala uffiċjali pubbliku, peress illi ma ingħata ebda ħatra uffiċjali kif approvata mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

21. Jirriżulta, għalhekk, illi l-pensjoni stabbilita fil-Kap 93 tal-Liġijiet ta' Malta ma kinetx applikabbli għalih.

**Ikkunsidrat**

22. Jirriżulta illi l-intimat Lawrence Avellino rtira mix-xogħol b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, meta huwa kien impjegat ta' Transport Malta.

23. Jidher illi fil-31 ta' Awissu 2018, Avellino applika sabiex jingħata l-pensjoni, liema applikazzjoni eventwalment intbagħtet minn Transport Malta, lid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, aktar preċiżament, lid-Dipartiment ta' Central Salaries and Service Pensions ġewwa Għawdex, sabiex jiġu pproċessati d-dokumentazzjoni.

24. Jidher illi l-prassi adoperata mid-Dipartiment ta' Central Salaries and Service Pensions hija illi l-applikazzjoni l-ewwel tgħaddi minn taħt l-iskrutinju tal-People & Standards Division fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u sussegwentement tiġi għandhom sabiex tiġi pproċessata.

25. Jidher iżda, illi fil-każ odjern, peress illi jidher li d-dokumentazzjoni ta' Lawrence Avellino ġiet nieqsa, u peress illi l-istess Sur Avellino kien qiegħed jiġri wara l-impjegati ta' tali Dipartiment, billi kien irtira iżda ma kienx qiegħed jitħallas il-pensjoni, d-Dipartiment ipproċeda biex jipproċessa l-applikazzjoni ta' Avellino mingħajr ma qagħdu jistennew għall-approvazzjoni tal-People & Standards Division fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kif jidher illi jsir okkażjonalment meta jintilfu d-dokumentazzjoni ta' dana it-tip.

26. Jirriżulta, di fatti, illi fis-26 ta' Frar 2019, il-ħruġ ta' ċekk fl-ammont ta' €33,704.17 bħala gratifikazzjoni ta` darba ta' parti mill-pensjoni stabbilita fil-Kap 93, ossija l-Ordinanza tal-Pensjonijiet, fejn parti mill-pensjoni illi huwa seta' jipperċepixxi a tenur tal-Kap 93, tiġi lilu mħallsa bil-quddiem filwaqt illi l-pensjoni dovuta lilu tiġi ridotta proporzjonalment mas-somma illi tkun lilu ġiet imħallsa bil-quddiem, ġie lilu approvat, liema ċekk, fi kliem l-intimat stess fis-sottomissjonijiet tiegħu stess, ġie minnu msarraf fl-1 ta' Marzu 2019.

27. Jirriżulta, madanakollu, illi fis-17 ta' April 2019, id-Dipartiment ta' Central Salaries and Service Pensions ġewwa Għawdex ġie mgħarraf mill-People & Standards Division fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru illi l-intimat Lawrence Avellino ma kienx eleġibbli illi jipperċepixxi l-pensjoni stabbilita fil-Kap 93.

28. Jirriżulta illi għalkemm saru varji tentattivi sabiex il-kwistjoni tiġi riżolta billi jitħallas lura dak lilu mħallas, anke permezz ta' pagamenti rateali, ebda ftehim ma qatt intlaħaq.

**Ikkunsidrat**

29. Fil-każ odjern, jidher ċar illi, minħabba fi żvista ta' parte tal-awtoritajiet kompetenti, l-intimat Lawrence Avellino tħallas is-somma ta' €33,704.17 bħala gratifikazzjoni ta` darba tal-pensjoni tiegħu, liema somma, iżda, ma kellha qatt titħallaslu, peress illi, ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 93, dik tapplika għalih biss f'każ illi kellu uffiċċju pubbliku qabel il-15 ta' Jannar 1979.

30. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi għalkemm jidher illi tali ħlas sar lilu b'mod erronju, l-intimat irrifjuta illi jirrikonoxxi tali żball, għalkemm jidher ċar, mill-interpretazzjoni tal-fatti u tal-Liġi, illi l-intimat ma kellux jingħata l-benefiċċju stabbiliti fil-Kap 93, u saħansitra naqas milli jasal fi ftehim illi seta' kien ta' vantaġġ għalih, ossija illi l-ammont jerġa' jitħallas lura f'pagamenti rateali.

31. Dana kollu qiegħed jingħad, peress illi dina l-Qorti, filwaqt illi trid tassikura illi l-iżball magħmul mir-rikorrenti jiġi ratifikat, trid ukoll tqis il-konsegwenzi illi tali deċiżjoni jaf ikollha fuq l-intimat Avellino, illi huwa pensjonant, liema konsegwenzi seħħew biss riżultat ta' żball amministrattiv.

32. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-intimat Avellino messu, minnufih, għadda sabiex jittransiġi l-pendenza mal-Awtoritajiet, liema fatt huwa rrifjuta illi jagħmel, u dana ifisser illi dina l-Qorti ser ikollha tieħu d-deċiżjoni finali hi, ossija illi l-intimat Lawrence Avellino qatt ma messu tħallas is-somma ta' €33,704.17 illi kienet tħallset lilu indebitament, u għalhekk hu għandu jirrifondi tali somma flus.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat, u għalhekk:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** li l-intimat Lawrence Avellino mhux eliġibbli biex jingħata pensjoni jew gratifikazzjoni ai termini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet Kap 93 tal-Liġijiet ta` Malta;

**Tiddikjara** li l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti bħala rifużjoni tal-gratifikazzjoni ta` darba hija fis-somma ta` tlieta u tletin elf, sebgħa mija u erbgħa Euro u sbatax-il ċenteżmu (EUR 33,704.17);

**Tikkundanna** lill-intimat Lawrence Avellino iħallas lir-rikorrenti is-somma ta` tlieta u tletin elf, sebgħa mija u erbgħa Euro u sbatax-il ċenteżmu (EUR 33,704.17).

**Dwar spejjeż**, kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Imgħax** jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**